**28 ta' Ġunju, 1958**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

John Farrugia

**Traffiku — Negligenza — Offiża fuq il-Persuna.**

*Min jirriversja bl-għama, u dippjù għal distanza twila, jagħmel att kriminuż kolpuż.*

*Anki min għandu anomaliji organiċi jew funzjonali fil-persuna tiegħu, l-istess għandu dritt għall-integrità fiżika bħal min*

*hu normali; għad-differenza tal-każ ta' kawża posterjuri sopraġġunta li ma tiddependix mill-fatt tal-ħati.*

*Għaldaqstant, jekk wieħed jirriversa l-karrozza tiegħu u b'dan l-għemil jolqot bniedem u jikkaġunalu leżjoni gravi konsistenti f'debilitazzjoni permanenti fl-ġog tal-ispalla, ma jistgħax isostni li ma hemmx leżjoni gravi għaliex il-ferut hu eċċezzjonalment sens bbli għall-uġiegħ tal-movimenti tal-ġog, li sar iebes bil-leżjoni. Dan ma jfisser xejn; għax l-imputat, bil-fatt tiegħu kolpuż, addossa ruħu bir-responsabbiltà tal-kondizzjonijiet pre-eżistenti, anki eċċezzjonali, tal-persuna ferita, u l-effetti prodotti jibqgħu dejjem konsegwenza tal-aġir tiegħu kolpuż.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-imsemmi Farrugia fin-nota tal-Attorney General tas-26 ta' April 1958, taħt l-art. 240(1) (a) tal-Kodiċi Kriminali;

Rat l-attijiet tal-kumpilazzjoni magħmula kontra l-imputat, u ċjoè talli fil-5 ta' Diċembru 1957, fid-9 a.m., waqt li kien isuq van bil-mutur numru 7857 fil-Parade Ground, Floriana, reġġa' lura l-istess van bil-mutur b'manjiera perikoluża; u barra minn dan, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti, jew nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti, laqat u tefa' fl-art lil Carmel Sacco, u kkaġunalu offiżi ta' natura gravi minħabba d-dewmien għall-fejqan u minħabba li kkaġunalu debolezza permanenti fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, skond ma ċċertifika Dr. Albert E. Bartolo, M.D.; u għalhekk il-Prosekuzzjoni talbet is-sospensjoni tal-liċenzi tas-sewqan li għandu f'ismu;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tad-9 ta' Mejju 1958, li biha sabet lill-imputat ħati talli minħabba imprudenza, negliġenza u inosservanza tar-regolamenti, ikkaġuna offiża gravi li ġiebet debilitazzjoni permanenti fil-funzjoni ta' driegħ Carmelo Sacco, għat-termini tal-art. 232(e) tal-Kodiċi Kriminali, u kkundannatu għall-piena tal-priġunerija żmien tnejn u tletin ġurnata;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella, u talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, u li hu jiġi liberat; in subordine, talab li jiġi lilu mogħti l-benefiċċju tal-art. 23 tal-Kodiċi Kriminali;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Dwar l-ewwel gravam dedott fir-rikors;

Din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti u mal-perit legali li l-imputazzjoni tirriżulta soddisfaċentement; u tadotta r-raġunijiet li hemm fis-sentenza u fir-relazzjoni peritali. Hu ovvju li min jirriversja fl-għama, dippjù għal distanza twila, qiegħed jagħmel att kriminalment kolpuż;

Dwar it-tieni gravam;

Id-difiża qegħedha ssostni li ma hemmx leżjoni gravi, għaliex, għalkemm hemm id-debilitazzjoni permanenti fil-ġog tal-ispalla, eppure f'każijiet oħra, ġeneralment, ma jkunx hemm dawn il-postumi bħal ma kien hemm f'dan il-każ, minħabba li, kif qal it-tabib Bartolo fol. 6, l-imputat hu eċċezzjonalment sensibbli għall-uġiegħ tal-movimenti tal-ġog li sar iebes bil-leżjoni. Dan ma jfisser xejn; għaliex l-imputat, bil-fatt tiegħu kolpuż, addossa ruħu bir-responsabbiltà tal-kondizzjonijiet pre-eżistenti, anki eċċezzjonali, tal-persuna ferita, u l-effetti prodotti jibqgħu dejjem konsegwenza tal-aġir tiegħu kolpuż; għaliex anki min għandu anomalitajiet organiċi jew funzjonali għandu l-istess id-dritt għall-integrità fiżika bħal min hu normali. Divers hu l-każ ta' kawża posterjuri sopraġġunta li ma tiddependix mill-fatt tal-ħati;

Dwar it-tielet gravam, kwantu għall-piena;

Din il-Qorti tħoss li fiċ-ċirkustanzi tista' tingħata l-alternattiva tal-piena pekunjarja;

U għalhekk tiddeċidi billi tirrespinġi l-appell fil-meritu, u fil-meritu tikkonferma s-sentenza appellata; u wara li rat l-art. 240(1) (a) Kap. 12, u anki l-art. 16 ibidem, tissostitwixxi għall piena tal-ħabs il-piena tal-multa ta' £30, tit-ħallas żmien xahar mil-lum; liema piena, f'każ ta' nuqqas ta' ħlas fiż-żmien ordnat, tibqa' minn issa konvertita fil-piena tal-ħabs mogħtija mill-Ewwel Qorti.